# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 421/01**

**Numru 34**

**Norbert N. Camilleri ghad-ditta Medialink**

**vs**

**Robert Portelli**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm455) bilanc ta' somma akbar ghall-"computer hardware" mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-26 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-11 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lil-attur s-somma ta' Lm455.00,0 bl-imghax legali mis-26 ta' Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg